# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 4**

**Rikors kostituzzjonali numru 64/2014 JRM**

**Paul Anthony Caruana**

***v.***

**Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fil-15 ta' Novembru 2018 li ċaħdet it-talba tiegħu biex tagħtih rimedju wara li ssib li seħħ ksur tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Liberta-

jiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni Ewropea") meta ma ngħatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: fis-7 ta' April 2006 saret tfittxija fuq l-attur mill-pulizija u nstab li fil-pussess tiegħu kellu raża tal-*cannabis*. L-attur igħid illi dak il-ħin kien xurban billi kien għadu kif xorob flixkun *Vodka*. Ġie arrestat u talab li jitħalla jkellem avukat iżda kien mgħarraf li ma setax ikellem avukat. Dakinhar stess għamel stqarrija u ammetta li kellu fil-pussess tiegħu kemm *cannabis* u kemm *ecstasy*, u wkoll illi kien bigħ *cannabis*. Għandu jingħad illi l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jgħidu illi l-mod kif ġab ruħu l-attur kien dak "ta' persuna luċida u fi stat sobrju" u illi l-allegazzjoni li kien xurban tqajjmet biss f'din il-kawża. Igħidu wkoll illi l-attur "ma kienx ġdid fiċ-ċirku tat-traffikar tad-droga".

3. Fl-istqarrija li ta lill-pulizija l-attur kien stqarr ukoll illi d-droga kienet tathielu terza persuna biex ibigħha. Il-pulizija stidnuh jieħu sehem *f'controlled delivery* lil din il-persuna, għax qalulu li "setgħu jgħinuh biss jekk huwa jgħin lilhom", u l-attur aċċetta. Il-*controlled delivery* saret dakinhar stess u rnexxiet. L-attur imbagħad tħalla jmur id-dar.

4. L-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli b'bejgħ u pussess ta' *cannabis* u pussess ta' *ecstasy*[1]*.* L-attur ammetta dawn l-akkużi u b'sentenza tal-1 ta' Frar 2010 il-qorti sabitu ħati u ikkundannatu għal sitt xhur priġunerija u multa ta' erba' mija u tmienja u sittin euro (€468). Ikkundannatu wkoll

[1] Kien mixli wkoll b'bejgħ ta' *ecstasy* iżda din l-akkuża ġiet irtirata.

iħallas l-ispejjeż tal-esperti mqabbda mill-qorti. L-attur skonta din il-piena.

5. Billi jgħid illi l-fatt li ma tħalliex ikellem avukat u li jkollu l-għajnuna ta' avukat waqt li kienet qiegħda titteħidlu l-istqarrija huwa bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »(i) tiddikjara illi … ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti fil-Kostituzzjoni, senjatament fl-art. 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem;
>
> »(ii) takkorda konsegwentement dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi inkluż billi tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet <u>Pulizija *v.* Paul Anthony Caruana</u>, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar 2010.«

6. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Ikkunsidrat*:*
>
> »Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent jilminta li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi proċeduri li ttieħdu kontrih (u oħrajn għal rashom) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali marbuta ma' traffikar ta' droga, u dan minħabba li fl-ebda waqt matul l-interrogazzjoni li kienet qiegħda tagħmillu l-pulizija sakemm dam arrestat ma kien ingħata l-opportunità li jkellem avukat jew li jkun mgħejjun minn avukat tal-għażla tiegħu. Jgħid li, minħabba f'hekk, huwa nstab ħati mill-qorti tal-akkużi mressqa kontrih u serva s-sentenza mogħtija fil-ħabs. Hu jrid li jingħata rimedju effettiv, magħdud it-tħassir tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati;
>
> »Illi l-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li jmisshom jinġiebu quddiem il-qorti l-atti kollha tal-kawża mmexxija kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet tar-rikorrent ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex ma humiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt. B'mod partikolari, jgħidu li l-istqarrija ttieħdet fil-qafas ta' stħarriġ li kien wassal għas-sejba u l-qabda ta' ċirku ta' traffikar ta' droga f'inħawi ta' kulleġġ tal-istudenti u li r-rikorrent ta l-istqarrija tiegħu wara li ngħata t-twissija li seta' jagħżel li ma jgħid xejn. Minkejja dan, huwa għażel li jagħtiha u li jiffirmaha. Minbarra dan, meta tressaq quddiem il-qorti, huwa kien f'kull waqt mgħejjun minn avukat tal-għażla tiegħu u għażel li jistqarr il-ħtija tiegħu, bla ma qajjem bl-ebda mod il-kwestjoni tas-siwi tal-mod kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu jew li kien iħoss li ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu b'dik l-istqarrija. Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet

tajba u mistħoqqa, tikkostitwixxi ġudikat u ma hemmx lok li din il-qorti tħassarha;

»Illi, min-naħa l-oħra, l-intimat l-ieħor Direttur Qrati u Tribunali Kriminali laqa' billi, b'mod preliminari, qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni u jmissu jinħeles milli jibqa' aktar fil-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li r-rikorrent imkien ma jallega li kien l-eċċipjent li wettaqlu ksur tal-jedd tiegħu b'xi mod u li minħabba f'hekk safejn it-talbiet tar-rikorrent jirrigwardaw lilu huma talbiet mhux mistħoqqa. Temm jgħid li hu ma ħa l-ebda sehem fil-proċeduri li ttieħdu kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

»Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fis-7 ta' April, 2006, filgħodu l-pulizija ngħatatilha tagħrif mill-prinċipal tal-*Junior College* li kien maħsub li xi studenti kienu se jagħmlu *street party* fl-inħawi tal-kulleġġ u li kien hemm il-biżgħa li seta' "ħa jkun hemm xi droga". Il-pulizija wettqet *raid* fl-inħawi tal-*Junior College* fl-Imsida waqt li kien għaddej *party* ("*beer day*" biex l-istudenti jiċċelebraw it-temm ta' semestru ta' studji) barra d-dħul ta' wieħed mill-istabilimenti kummerċjali f'dawk l-inħawi. Il-pulizija żammet xi nies li nstabu f'dawk l-inħawi b'rabta ma' suspett li kienu mdaħħla fit-traffikar u fil-pussess ta' sustanzi perikolużi. Ir-rikorrent kien fost il-persuni li nżammu wara li fuqu nstabu sitt (6) biċċiet żgħar tar-raża tal-*cannabis*; wara tfittxija li saritlu d-dar, instabu dsatax-il (19) biċċa oħra. Dak iż-żmien kellu għoxrin (20) sena;

»Illi qabel ma l-pulizija kienu ġabru lir-rikorrent, huwa kien qiegħed jixrob ma' sħabu f'ħanut fil-qrib u kienu ilhom hemm sa minn dakinhar filgħodu, iżda f'xi ħin hu ma kienx baqa' magħhom. Sħabu jgħidu li, sakemm dam magħhom, ir-rikorrent kien siker. Ir-rikorrent innifsu jgħid li, bix-xorb li xorob, kien xurban. L-uffiċjali tal-pulizija li arrestaw lir-rikorrent u lil sieħbu jiċħdu li r-rikorrent kien fis-sakra x'ħin kellmuh, filwaqt li l-ispettur li kien qiegħed jistħarreġ il-każ jiċħad b'mod kategoriku li r-rikorrent kien fis-sakra jew li kellu riħa ta' xorb fuqu meta nġab quddiemu u beda jinterrogah. L-*orderly* li dakinhar kien jieħu ħsieb 'il min jiddaħħal fil-*lock-up* ukoll xehed li r-rikorrent ma kienx jidher fis-sakra, u li kieku kien jidher li qiegħed taħt l-effetti ta' xorb jew droga kienu jibagħtuh sal-poliklinika qabel idaħħluh fil-*lock-up*;

»Illi l-pulizija ħadu lir-rikorrent id-*Depot* u mbagħad, wara, għamlulu tfittxija d-dar tiegħu. Meta l-ispettur kellem lir-rikorrent, dan kien f'qagħda li jwieġbu u l-istess spettur żamm notamenti ta' dak li kien qallu r-rikorrent u tul dak il-ħin kollu r-rikorrent wera li kien jaf x'qiegħed jgħid u jagħmel;

»Illi aktar tard dakinhar tas-7 ta' April, 2006, ir-rikorrent ta stqarrija lill-pulizija. Huwa għażel li jiffirmaha u kif ukoll it-twissija li seta' ma jwieġeb xejn minn dak li kien mistoqsi u li kulma jwieġeb seta' jinġieb bi prova. L-istqarrija saret f'medda ta' ftit aktar minn għoxrin minuta. Ir-rikorrent jgħid li talab li jkellem avukat, imma l-pulizija qalulu li ma setax. L-istqarrija taha bla ma kien preżenti avukat;

»Mill-provi mressqa, jidher li r-rikorrent inżamm maqful fil-*lock-up* bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar u l-erbgħa neqsin kwart u mill-ġdid bejn is-sitta ta' filgħaxija sas-sebgħa u għoxrin. Huwa nħeles mill-arrest malli ta l-istqarrija u hu mar lura d-dar u kiel l-ikla ta' filgħaxija mal-ġenituri tiegħu;

»Illi r-rikorrent jistqarr li l-istqarrija li ta lill-pulizija dakinhar ma kinitx l-ewwel waħda li ta f'ħajtu: jgħid li qabel kien hemm okkażjoni oħra fejn ta stqarrija lill-pulizija, imma kien preżenti wkoll missieru;

»Illi meta r-rikorrent ta l-verżjoni tiegħu ta' kif ġraw l-affarijiet, huwa semma lil terza persuna li mingħandha kien miftiehem li kellu jingħata sustanzi perikolużi oħrajn biex imexxihom u jbigħhomlu f'ismu. Ir-rikorrent kien laqa' l-istedina li għamlitlu l-pulizija biex jagħmel *controlled delivery* ħalli jinqabad min kien qiegħed ifornih b'din is-sustanza. Għalhekk, dakinhar stess li ta l-istqarrija lill-pulizija, filgħaxija qabel mar lura d-dar, ir-rikorrent ħa sehem fil-*controlled delivery* li kienet ġiet awtorizzata minn maġistrat. Waqt operazzjoni li saret, it-terza persuna nqabdet fil-pussess ta' kwantità ta' droga fuqha lesti biex tgħaddihom lir-rikorrent. Il-pulizija mexxiet kontra t-terza persuna u r-rikorrent għażel li jixhed f'dawk il-proċeduri quddiem il-qorti bħala xhud tal-prosekuzzjoni, u minkejja li kien hemm pendenti l-proċeduri kontrih, u liema proċeduri kienu wasslu għas-sejbien tal-ħtija tat-terza persuna;

»Illi fit-28 ta' Ġunju, 2007, l-intimat Avukat Ġenerali ordna lill-Pulizija Eżekuttiva biex tmexxi l-proċeduri kontra r-rikorrent għall-finijiet tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

»Illi fit-28 ta' Marzu, 2008, il-Pulizija Eżekuttiva ħarġet it-taħrika kontra r-rikorrent bl-akkużi magħmulin kontrih u fis-smigħ tal-1 ta' Frar, 2010, huwa deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kien mgħejjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu li wkoll għamel il-kontro-eżami tal-uffiċjal prosekutur. Dakinhar, il-qorti ordnat li l-każ jinstema' bil-magħluq u l-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda tagħha;

»Illi dakinhar, il-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni u iddikjarat li l-imputat (ir-rikorrent) kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-massimu tiegħu. Dak il-ħin, ir-rikorrent irreġistra ammissjoni għall-akkużi l-oħrajn li kienu għadhom ma ġewx irtirati. Il-qorti tat żmien lir-rikorrent biex jaħsibha sewwa dwar l-ammissjoni tiegħu, iżda hu għażel li jikkonfermaha fil-preżenza tal-avukat tiegħu;

»Il-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza dakinhar u sabet lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu u ikkundannatu għal sitt (6) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' erba' mija u tmienja u sittin euro (€ 468) li titħallas f'rati u kif ukoll biex iħallas l-ispejjeż tal-esperti fis-somma ta' tliet mija u tnejn u tletin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmi (€ 332.58);

»Illi dakinhar li ngħatat is-sentenza, ir-rikorrent talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li kienet ingħatat u t-talba tiegħu ntlaqgħet taħt garanzija. Billi r-rikorrent baqa' ma ressaqx appell mis-sentenza, l-eżekuzzjoni tagħha bdiet mal-għeluq taż-żmien tal-istess u fit-12 ta' Frar, 2010, ir-rikorrent beda jservi s-sentenza ta' priġunerija;

»Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fil-5 ta' Settembru tal-2014;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-kawża din il-qorti tibda biex tgħid li l-ilment imressaq mir-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd fundamentali allegat minnu jirrigwarda n-nuqqas tad-"dritt għal preżenza ta' avukat waqt l-interrogatorju" u dan minkejja li talab li jkun mgħejjun minn avukat. Matul is-smigħ ta' din il-kawża, ir-rikorrent ressaq bosta xhieda biex juri li, dakinhar li ħalla l-istqarrija, huwa ma

kienx jaf x'qiegħed jgħid billi kien xurban. Żied jgħid ukoll li l-istqarrija ma tirriflettix b'mod fidil dak li huwa qal u li, minkejja li tkellem mal-pulizija fl-ilsien ingliż, t-tweġibiet tiegħu fl-istqarrija tniżżlu bil-malti;

»Illi l-qorti tqis l-ilment tar-rikorrent fil-mertu jissawwar kemm fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artiklu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li:

»"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

"...

"(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:

"Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.

»(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –

"...

(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;

»"...

»"(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha";

»Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstama' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja;

»Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma r-rikorrent kien imqar tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għal akkuża magħmula kontrih. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux għadhom bdew jgħoddu. Madankollu, wieħed jista' jgħid li fil-fatt il-pulizija nqdiet bl-istqarrija wara li ressqet lir-rikorrent quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-fatt li dik l-istqarrija tagħmel parti mill-inkartament taf tiġbed fuqha l-

istħarriġ tal-ilment tar-rikorrent mil-lenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni wkoll;

»Illi, minħabba f'hekk il-kwestjoni dwar jekk l-għemil tal-istqarrija fiċ-ċirkostanzi li fihom saret twassalx għall-ksur tal-jedd tar-rikorrent kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, tiddependi għal kollox minn jekk dik l-istqarrija ntużatx mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex waslet għall-fehma aħħarija tagħha jew iddeterminatx is-sentenza li ngħatat. Jekk jirriżulta li dik il-qorti iddeterminat il-ħtija tar-rikorrent fuq provi jew episodji proċedurali lil hinn minn dak li jingħad fl-istqarrija, din il-qorti ma tarax kif ir-rikorrent ikun allura ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu msemmi tal-Kostituzzjoni;

»Illi għalhekk, din il-qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li r-rikorrent ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li:

> »"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. .. ..;
>
> »"(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi;
>
> »"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin
>
> »"...
>
> »"(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk";

»Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[2];

»Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilità tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi

---

2 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), paġ. 631.

nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

»Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment, ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha;

»Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' għajnuna ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin" jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat. F'dan ir-rigward ingħad li "*neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*"[3];

»Illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bħal din, jaqa' fuq l-awtorità pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla qorti tagħna u din il-qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relattiva[4];

»Illi jidher li fejn – bħalma kienet il-qagħda f'Malta fiż-żmien rilevanti għall-każ tar-rikorrent – il-liġi ma kinitx tagħti lil persuna miżmuma jew interrogata mill-pulizija li tikkonsulta ma' jew tkun mgħejjuna minn avukat tal-fiduċja tagħha, qabel ma tħalli stqarrija, kienet biżżejjed biex twassal għal sejbien ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. F'dak ir-rigward il-fatt waħdu li fl-imsemmi proċediment intużat l-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-pulizija bla ma kien ingħata l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu taf iġġib magħha s-sejbien awtomatiku tal-jedd tar-rikorrent dwar smigħ xieraq bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni jekk kemm-il darba dik l-istqarrija ntużat fil-proċediment bħala prova kontra min għamilha;

---

3 Q.E.D.B. 15.9.2011 fil-kawża fl-ismijiet Paskal *v.* Ukrajina (Applik. nru 24652/04) § 76.

4 Kost. 2.3.2018 fil-kawża fl-ismijiet Dominic Camilleri *v.* Avukat Ġenerali.

»Illi ma jirriżultax li, fil-każ tar-rikorrent, kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem '*compelling reasons*') li jċaħħdu lir-rikorrent milli jkun mgħejjun minn avukat waqt li kien interrogat u waqt li kien qed jagħti l-istqarrija. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx jidher li kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrent setgħet titlob dik l-għajnuna. Ladarba huwa hekk, jiġi li dik iċ-ċaħda u dak in-nuqqas fil-liġi (li, fis-sewwa, jrid jingħad li kienet diġà għaddiet minn kull stadju fil-Parlament sa minn snin qabel imma ma nġabitx fis-seħħ) iwasslu biex ikollu jinstab li jkun hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt dan is-sub-inċiż partikolari tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li kieku dik l-istqarrija ntużat bħala prova kontra r-rikorrent;

»Illi f'dan il-waqt il-qorti jidhrilha xieraq li tindirizza l-kwestjoni li r-rikorrent qanqal f'din il-kawża dwar l-istat li kien fih dakinhar li ħalla l-istqarrija mal-pulizija. Biċċa sewwa mill-każ tiegħu bniha billi ressaq xhieda biex jgħidu li, dakinhar li nġabar mill-pulizija, huwa kien xurban minħabba l-*beer party* li kien qed jieħu sehem fih u li matulu jgħid li kien xorob kwantità ta' alkoħol. Bl-istess mod, huwa għafas ħafna mix-xhieda mressqa mill-intimati biex jieħu mingħandhom konferma li tassew kien fis-sakra l-ħin kollu li dam miżmum mill-pulizija;

»Illi, lil hinn minn dak li se jingħad aktar 'il quddiem dwar x'ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (meta r-rikorrent żgur ma jistax jgħid li kien taħt l-effetti tax-xorb), il-qorti ssib li din il-linja ta' difiża mir-rikorrent mhijiex ta' min joqgħod fuqha. Huwa minnu li dakinhar tas-7 ta' April, 2006, huwa kien qiegħed f'*party* fejn jimxi ħafna x-xorb alkoħoliku (u mhux biss). Il-qorti ma għandhiex dubju li r-rikorrent xorob. Iżda, mill-qafas tal-provi mressqa, l-għan ewlieni tar-rikorrent ma kienx li jixrob biex jiċċelebra sakemm jistabat, imma kellu għan ieħor li, fil-fatt, l-għajn attenta tal-membri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi ntebħet biha u qabditu fil-fatt. Minbarra dan, l-imġiba tar-rikorrent kemm dam taħt arrest ma kienet tixhed xejn li kien fis-sakra. Kien koerenti fi kliemu, kien preċiż f'dak li talab. Ta xhieda li wasslet biex il-pulizija kisbet tagħrif siewi u meħtieġ biex taqbad lil min kien qiegħed ifornih bid-droga. Mar mal-pulizija x'ħin din ħaditu d-dar għat-tfittxija. Fl-ebda waqt ma irreżista jew ħebb għal min kien jiskortah u fl-ebda ħin ma kien immanettjat. Fil-ħin li suppost kien xurban, ħa sehem f'konsenja kontrollata ta' droga flimkien mal-pulizija li kienet titlob ko-ordinazzjoni u koerenza. Kien biss wara dawn l-episodji kollha li huwa ta l-istqarrija tiegħu. Dan kollu sar f'medda ta' mhux aktar minn tmien (8) sigħat minn mindu kien arrestat. Ir-rikorrent innifsu jgħid li, hekk kif inħeles mill-pulizija, mar lura d-dar u kiel l-ikla ta' filgħaxija mal-ġenituri tiegħu;

»Illi l-qorti tqis li dawn iċ-ċirkostanzi kollha jmieru l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa ma kienx f'qagħda li jagħti l-istqarrija tiegħu. Bħalma jgħidu l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, din hija storja li r-rikorrent xtaq joħloq bosta snin wara li ntemm il-każ tiegħu bit-tama li jipprova jinqeda b'din il-kawża ħalli jħassar is-sentenza li ngħatat kontrih. Il-qorti ssib ukoll li l-verżjoni tar-rikorrent u tax-xhieda mressqa minnu ma tantx jista' wieħed joqgħod fuqha. Minbarra dan, biex il-qorti temmen lir-rikorrent f'xi dettalji u rqaqat ta' dak li huwa jgħid li ġraw hu u jsirlu l-interrogatorju, ikollu tabilfors jirriżulta li hu ma setax kien taħt l-effett tax-xorb, għaliex bniedem tassew fis-sakra ma jistax jiftakar li jkunu ġraw dawk l-affarijiet;

»Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet iridu jitqiesu wkoll fil-qafas tal-fatt li l-proċeduri kontra r-rikorrent intemmu bil-kundanna tiegħu b'sentenza li saret ġudikat. F'ċirkostanzi bħal dawn, jidher li l-qagħda llum il-ġurnata hi li fejn il-proċediment kriminali kontra l-persuna jkun intemm, il-fatt waħdu li dik il-persuna ċċaħħdet milli tkun mgħejjuna minn avukat waqt li kienet qiegħda tagħti l-istqarrija lill-Pulizija, jġib miegħu l-effett li jekk dik l-istqarrija tintuża fil-proċediment kontrih iseħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[5]. F'każ bħal dan, ma jibqax aktar rilevanti jekk il-persuna kinitx vulnerabbli meta tat l-istqarrija, jekk tatx l-istqarrija lill-pulizija minn rajha u bla tehdid, wegħdi jew promessi ta' xi vantaġġ, jekk min kien qed jagħmel l-istqarrija kienx qiegħed jifhem il-kundizzjonijiet li kien jinsab fihom, u jekk f'xi waqt kienx attakkat is-siwi jew il-volontarjetà tal-istess stqarrija;

»Illi f'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet tar-rikorrent huma tajbin u jirriflettu l-qari l-aktar aġġornat tal-qagħda legali. Madankollu, il-qorti tifhem li s-siwi ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet jgħodd meta l-istqarrija (meħuda bla ma l-persuna kienet mgħejjuna minn avukat) tkun, tajjeb jew ħażin, wasslet lill-qorti ta' kompetenza kriminali biex tqis il-ħtija jew le tal-persuna mixlija, tkun qisitha bħala prova u tkun tat is-sentenza tagħha fuq il-bażi ta' dak li jingħad f'dik l-istqarrija. Fil-każ li l-qorti għandha quddiemha, il-fatt li r-rikorrent għażel li jammetti l-akkużi mressqa kontrih ixejjen ħafna mis-saħħa tal-ilment tiegħu li s-sejbien ta' ħtija kien il-frott ta' stqarrija mogħtija mingħajr għajnuna minn avukat. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li dakinhar li r-rikorrent għażel li jammetti l-akkużi li kien għad fadal kontrih, kienet diġà magħrufa l-qagħda legali dwar id-dritt ta' smigħ xieraq f'ċirkostanzi bħal dawn. Dik l-ammissjoni tiegħu ma kinitx imġiegħla minħabba l-istqarrija li kien ta: ix-xhieda tar-rikorrent innifsu f'dan ir-rigward tiswa mitqilha deheb meta jgħid "jien tlabt lil Onorevoli Quintano biex jagħtini s-sentenza mill-ewwel ħalli tkun warajja l-biċċa tax-xogħol";

»Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u wara li fliet l-atti tal-kawża, l-qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juriha li tassew ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-qorti sejra ssib li l-ewwel talba tiegħu ma jixirqilhiex tintlaqa';

»Illi ladarba l-qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, ma hemm l-ebda rimedji effettivi jew provvedimenti oħrajn xierqa li hija jmissha tagħti għall-finijiet tat-tieni talba attriċi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, wisq anqas għandha tordna t-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar, 2010, kif jitlob ir-rikorrent;

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

»tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimati;

»tiċħad it-talbiet tar-rikorrent billi ma weriex li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, u la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, meta ta l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija f'April tal-2006 bla ma kien mgħejjun minn avukat; u

»tordna li r-rikorrent iħallas l-ispejjeż tal-kawża.«

5 Q.E.D.B. 12.1.2016 fil-kawża fl-ismijiet Borg *v.* Malta (Applik. nru 37537/13) §§ 61-2.

7. L-attur appella b'rikors tal-5 ta' Diċembru 2018, li għalih l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu fil-11 ta' Diċembru 2018.

8. L-ewwel aggravju tal-attur huwa msejjes fuq l-argument illi:

> »… … … ġie stabbilit illi l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea«.

9. Dan, igħid l-attur, ġie stabbilit f'dik li sejħilha "s-sentenza kjavi mogħtija mill-Qorti Ewropea fit-12 ta' Jannar 2016 kontra Malta fil-kawza Mario Borg *v.* Malta".

10. Qabel ma tikkummenta fuq il-każ ta' Borg il-qorti tosserva illi s-Sezzjonijiet Magħquda (*Grand Chamber*) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet ġà qieset il-kwistjoni tad-dritt għall-għajnuna ta' avukat fil-każ ta' Salduz *v.* It-Turkija[6] u fil-parti relevanti qalet hekk"

> » ... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' …, Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 … The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.«[7]

11. Għalkemm din is-silta tista' tagħti x'tifhem illi huwa biss meta hemm "raġunijiet impellenti" ("*compelling reasons*") biex ma titħalliex tingħata

---

6 Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008 (rik. 36391/02),

7 § 55.

l-għajnuna ta' avukat illi dan in-nuqqas ma jwassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, din hija biss regola ġenerali ("*as a rule*"). Fil-fatt, ukoll fil-każ ta' Salduz il-qorti, għalkemm sabet li ma kienx hemm raġunijiet impellenti biex il-persuna interrogata ma titħalliex tkellem avukat, madankollu xorta qieset jekk, meqjus kollox, il-proċess kienx wieħed ġust, għalkemm fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ sabet li ma kienx. Imbagħad, fil-każ ta' ta' Ibrahim u oħrajn *v.* ir-Renju Unit[8] il-Qorti Ewropeja fis-Sezzjonijiet Magħquda kompliet tfisser illi:

> »250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *O'Halloran and Francis v. the United Kingdom* [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, *Taxquet v. Belgium* [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and *Schatschaschwili v. Germany* [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).
>
> »251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings … … …
>
> »… … …
>
> »262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention.«

12. Effettivament, dan ifisser illi l-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-

[8] Q.E.D.B. 13 ta' Settembru 2016, rikk. 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 40351/09.

totalità tiegħu (“*having regard to the development of the proceedings as a whole*”).

13. Il-Qorti Kostituzzjonali ta’ Malta meta ġiet biex tinterpreta s-sentenza ta’ Salduz kienet sa ċertu punt antiċipat din il-preċiżazzjoni f’sentenza mogħtija fit-8 ta’ Ottubru 2012 *in re* Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali[9], meta osservat illi:

> »14. … … … Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. … … …
>
> »15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«

14. Fi kliem ieħor, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu (“*having regard to the development of the proceedings as a whole*”) u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.

15. Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tiġi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta’ Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba’ Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi l-fatt waħdu li l-liġi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta’ avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien biżżejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:

> »61. … … … indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this

[9] Rik. kost. 75/2010.

connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

»62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).

»63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention «

16. Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-każ ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara s-sentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha. Hekk, fil-każ ta' Malcolm Said v. L-Avukat Ġenerali[10] il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

»17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

»18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«

17. Ir-raġuni iżda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea

---

10 Kost. 24 ta' Ġunju 2016, rik. 74/2014.

kienet imsejħa, fil-każ ta' Beuze *v.* il-Belġju[11], biex tippreċiża aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' Beuze, bħal fil-każ tallum, il-liġi domestika fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni[12] u ma kien hemm ebda raġuni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat[13]. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:

> »120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *Ibrahim and Others*, … § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings … … …
>
> »121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. … … …
>
> »… … …
>
> »139. The stages of the analysis as set out in the *Salduz* judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.
>
> »140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention … … … Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the

---

[11] Rik. 71409/10.

[12] Fil-fatt, kif jidher minn qari ta' §§ 154 *et seqq.* tas-sentenza, ir-restrizzjonijiet fuq il-jedd tal-persuna suspettata li tkellem avukat kienu ferm aktar restrittivi milli kienu fil-każ tallum.

[13] Ara §§ 161 u 163-4.

proceedings, sometimes in summary form … and sometimes in greater detail …

»141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in *Ibrahim and Others* the Court consolidated the principle established by the *Salduz* judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see *Ibrahim and Others*, … §§ 257 and 258-62).

… … …

»144. In *Ibrahim and Others* the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see *Ibrahim and Others*, … § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer … to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the *Ibrahim and Others* judgment, followed by the *Simeonovi* judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that *Salduz* had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the *Dayanan* case and other judgments against Turkey.

»145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Ibrahim and Others*, … § 265).

»… … …

»147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention … … …

»148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.

»… … …

»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should,

where appropriate, be taken into account (see *Ibrahim and Others*, … § 274, and *Simeonovi*, … § 120):

»(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

»(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

»(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

»(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

»(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article,the nature of the violation found;

»(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

»(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

»(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

»(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

»(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«

18. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta’ Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba’ Sezzjoni f’Borg u effettivament tfisser li kellha raġuni il-Qorti Kostituzzjonali ta’ Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta’ Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta’ Borg.

19. Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta’ Beuze, f’opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f’kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta’ għajnuna ta’

avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.

20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.

21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir *controlled delivery* lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.

22. Jista' jiġi kontestat jekk din hijiex raġuni impellenti biżżejjed. Fil-fehma tal-qorti, il-ħtieġa li jinqabad min qiegħed jittraffika d-droga f'inħawi qrib istituzzjoni edukattiva fejn jinġabru ż-żgħażagħ, u hekk jiġi salvat min, li ma kienx għal hekk, kien forsi jibda triq li twassal biex jinħakem bil-vizzju tad-droga, hija raġuni tajba biżżejjed. Jekk mhijiex kwistjoni

ta' ħajja jew mewt immedjata hija kwistjoni ta' ħajja salvata jew ħajja rovinata.

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. Tassew illi issa l-attur qiegħed igħid illi kien xurban u fis-sakra meta għamel l-istqarrija, iżda x-xiehda turi mod ieħor. Li tassew kien hekk ma kienx sejjer joħroġ b'din l-istorja għall-ewwel darba fil-proċeduri tallum, tmien snin wara li saret l-istqarrija. Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-*controlled delivery*; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti:

> »… … … meta saret dik l-ammissjoni, dik l-ammissjoni ma saritx fl-arja, u dana peress illi meta beda l-proċess kriminali kontrih fl-1 ta' Frar 2010 stess, il-prosekuzzjoni addirittura pproduċiet quddiem dik il-qorti x-xiehda tagħha f'liema xiehda hemm l-istqarrija inkriminanti li r-

rikorrenti appellanti kien ta u iffirma fis-7 ta' April 2006 mingħajr ma kien mgħejjun minn avukat. … … …

»… … … r-rikorrenti, kien skjett *sia* in eżami *sia* in kontro-eżami dwar ir-raġuni għall-ammissjoni tiegħu, u ċjoè illi in effetti huwa ammetta għal dawk il-proċeduri proprju minħabba l-i*statement* li kien ta kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel onorabbli qorti … … … Jirriżulta ampjament ċar illi, dak iż-żmien, lir-rikorrenti appellanti kien intqal lilu mill-avukat tal-fiduċja tiegħu ta' dak iz-zmien illi kien deher għalih fil-proċedimenti penali li ġaladarba kien ta l-i*statement*, dak l-i*statement* ma setax jiġi kkontestat.«

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tallum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingatat qabel[14], li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad *in flagrante*, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101].

---

14 Is-sentenza ta' Salduz ingħatat fis-27 ta' Novembru 2008; dik tal-Qorti tal-Maġistrati li sabet lill-attur ħati ngħatat fl-1 ta' Frar 2010.

29. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti li ma kien hemm ebda ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq, kemm taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni u kemm taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni.

30. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

31. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm